**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0120/2023**

4.4.2023

# RAPPORT

dwar Teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża: is-sitwazzjoni attwali u l-isfidi futuri
(2022/2079(INI))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Riho Terras

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Dragoş Tudorache, Kumitat għall-Affarijiet Barranin

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ...............................................................................................10

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN ........................................11

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................19

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......20

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar Teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża: is-sitwazzjoni attwali u l-isfidi futuri (2022/2079(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Fond Ewropew għad-Difiża 2021–2027, bil-baġit iddedikat tiegħu għat-teknoloġiji emerġenti fixkiela,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2022 bit-titolu "Il-pjan direzzjonali dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża" (COM(2022)0061),

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2022 bit-titolu "L-ewwel rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża, u spazjali" (SWD(2022)0362),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar il-Pjan Direzzjonali tas-SEAE dwar it-Tibdil fil-Klima u d-Difiża[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0120/2023),

A. billi industrija tad-difiża b'saħħitha, sostenibbli, teknoloġikament avvanzata u kompetittiva hija kruċjali għall-kapaċitajiet ta' sigurtà u difiża tal-Ewropa u għalhekk għall-prosperità tagħha u biex tagħti appoġġ lill-alleati u l-ħbieb tagħha;

B. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wriet li l-Ewropa teħtieġ b'mod urġenti li tinvesti fit-teknoloġiji tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, inkluża l-produzzjoni tal-munizzjon, fuq skala li tirrifletti l-ħtiġijiet tal-kamp tal-battalja modern, b'koordinazzjoni, akkwist u investiment konġunti fir-riċerka u l-iżvilupp, inkluża ċ-ċibersigurtà, u b'mod effiċjenti u kollaborattiv; billi l-Istati Membri stabbilew mira ta' 35 % għall-investimenti kollaborattivi fid-difiża, iżda wrew ftit, u saħansitra inqas, rieda politika li jilħqu din il-mira, filwaqt li laħqu biss 11 % fl-2020 u l-livell baxx rekord ta' 8 % fl-2021; billi xi Stati Membri kienu ħafna aktar involuti fl-appoġġ lill-Ukrajna minn Stati Membri oħra, kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll mil-lat militari;

C. billi hemm il-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit suq verament Ewropew tat-tagħmir tad-difiża, fost l-oħrajn, billi jiġu kkonsolidati l-kapaċitajiet industrijali, jitnaqqsu d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni u billi, fl-istess waqt, il-bażi industrijali tas-suq, b'mod partikolari l-ktajjen tal-provvista u l-forza tax-xogħol tiegħu, tiġi adattata għall-

[1] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 19.

ambjent il-ġdid tas-sigurtà fl-Ewropa, li jirrikjedi żieda rapida fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni;

D. billi provvista kostanti, sostenibbli u stabbli ta' materja prima, teknoloġiji u komponenti kritiċi hija vitali għas-settur tad-difiża tal-Ewropa;

E. billi t-teknoloġiji mill-aktar avvanzati u l-kapital uman korrispondenti, b'mod partikolari t-teknoloġiji u l-ħiliet diġitali li qed jevolvu malajr, huma fatturi dejjem aktar importanti biex isostnu u jsaħħu l-industriji tas-sigurtà u tad-difiża tal-Ewropa;

F. billi s-settur tad-difiża huwa strutturat b'mod differenti f'kull Stat Membru;

G. billi l-frammentazzjoni tas-settur tad-difiża tal-Ewropa u l-isforzi duplikati fis-suq Ewropew tad-difiża jwasslu għall-użu ineffiċjenti tar-riżorsi ekonomiċi u għal tnaqqis fil-kapaċitajiet tad-difiża u jenħtieġ li jiġu evitati; billi dan jammonta għal telf kollettiv ta' EUR 25 sa 100 biljun, skont il-Kummissjoni;

H. billi xi teknoloġiji kritiċi li jistgħu jkunu disponibbli għall-użu fis-settur tad-difiża joriġinaw fis-settur ċivili u jistgħu jikkwalifikaw għall-użu doppju jekk jitneħħew l-ostakli;

I. billi r-riċerka u l-innovazzjoni miftuħa li jinvolvu l-akkademja, l-intrapriża privata u s-settur pubbliku għandhom il-potenzjal li jaċċelleraw l-iżvilupp tat-teknoloġiji mill-aktar avvanzati tal-Ewropa, li jkollhom il-potenzjal li jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-suq, dment li tiġi żgurata dik l-interoperabbiltà;

J. billi ż-żieda fl-involviment tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) issaħħaħ il-kompetittività tas-settur tas-sigurtà u d-difiża;

K. billi l-ħtieġa ta' appoġġ strutturat għall-innovazzjoni u l-progress teknoloġiku jenħtieġ li tqis il-fatt li l-innovazzjoni essenzjalment isseħħ permezz tal-kompetizzjoni u l-ispirtu tar-riċerka, mhux permezz tal-ippjanar burokratiku;

L. billi mill-2017 sal-2020, l-Istati Membri li pparteċipaw fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) iddedikaw aktar minn EUR 25 biljun għar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) relatati mad-difiża, li minnhom porzjon żgħir biss intefaq b'mod kollaborattiv;

M. billi l-aċċess għall-finanzi għall-industriji tas-sigurtà u tad-difiża ma jridx ikun ristrett permezz tar-regolamenti tal-UE;

N. billi l-kondiviżjoni tad-data hija essenzjali għall-analiżi tal-lakuni strateġiċi u għar-realizzazzjoni tal-potenzjal tal-progress teknoloġiku, iżda l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u tad-data kummerċjali sensittiva jridu jiġu ggarantiti;

O. billi l-kooperazzjoni mas-sħab strateġiċi barra mill-UE, speċjalment mal-alleati tan-NATO, iżda wkoll mas-sħab globali assoċjati u tal-istess fehma, hija kruċjali għat-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-progress teknoloġiku;

1. Jilqa' l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni għat-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza l-ħtieġa ta' involviment akbar min-naħa tal-UE fil-koordinazzjoni u l-

aġevolar tal-iżvilupp ta' teknoloġija relatata mas-sigurtà u d-difiża, li għandha tkun, kemm jista' jkun, kompatibbli mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mingħajr ma titnaqqas l-effettività operazzjonali; jissottolinja l-fatt li l-kompetittività teknoloġika globali tal-UE tiddependi ħafna mir-R&Ż, mill-innovazzjoni u mill-kapaċità li tittrasferixxi u tvara teknoloġiji ġodda u tħarreġ in-nies b'mod rapidu;

2. Jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti, enfasizzata fil-pjan direzzjonali, li jiġu identifikati teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża tal-UE, filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà meħtieġa għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji u fixkiela; jisħaq li l-proposta li mill-bidu nett għandu jittieħed approċċ strateġiku kkoordinat fl-UE kollha rigward it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża hija t-triq 'il quddiem it-tajba;

3. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tingħeleb id-diviżjoni attwali bejn ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni ċivili, tad-difiża u tas-sigurtà; jistieden lill-Kummissjoni tgħaqqad aħjar il-programmi u l-istrumenti ċivili, tad-difiża u tas-sigurtà tal-UE mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari fil-qasam tal-innovazzjoni; jitlob li jsir investiment immirat aħjar f'R&Ż komuni; jissottolinja li ż-żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà m'għandhiex issir għad-detriment tal-proġetti ċivili;

4. Jiddispjaċih għall-fatt li l-infiq ikkombinat għar-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża tal-Istati Membri fl-2020 ammonta għal 1,2 % biss tan-nefqa totali tagħhom għad-difiża, li huwa ferm inqas mill-punt ta' riferiment ta' 2 % miftiehem fl-ambitu tal-qafas tal-EDA;

5. Jissottolinja li d-deterjorament tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa, speċjalment fil-pajjiżi bi fruntieri esterni tal-UE, wara l-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, titlob sforz akbar u kkoordinat aħjar min-naħa tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jinvestu fit-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża u, sa fejn hu l-aktar possibbli, jakkwistawhom, inkluża l-produzzjoni tal-munizzjoni, u jistabbilixxu suq tat-tagħmir tad-difiża Ewropew; jinsab imħasseb li d-domanda globali dejjem tikber għas-sistemi ta' armi konvenzjonali, fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna, jista' jkollha effett negattiv fuq l-investimenti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda;

6. Jilqa' l-istabbiliment min-naħa tal-Kummissjoni ta' osservatorju tat-teknoloġiji kritiċi; jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ is-sejbiet tal-osservatorju fir-rapport klassifikat tagħha lill-Istati Membri dwar it-teknoloġiji kritiċi u r-riskji assoċjati mad-dipendenzi strateġiċi li jaffettwaw is-sigurtà, l-ispazju u d-difiża; jenfasizza li l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u tad-data kummerċjali sensittiva jridu jiġu ggarantiti; jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-EDA, tkompli tikkoordina, tippromwovi u tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-akkomunament tar-riżorsi fost l-Istati Membri sabiex tindirizza l-lakuni eżistenti u futuri fit-teknoloġija, tnaqqas id-duplikazzjoni tal-proġetti u żżid l-effikaċja u l-effiċjenza tal-infiq; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat kif xieraq dwar l-outputs ewlenin ta' dan l-osservatorju;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrieżaminaw il-programmi u l-għodod ta' politika kollha tad-difiża, wara l-approċċ tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD), b'enfasi speċifika fuq it-teknoloġiji kritiċi, jivverifikaw jekk għadhomx adatti għall-iskop tagħhom u jiġbru fil-qosor is-sejbiet tagħhom u jaqsmuhom mal-Istati Membri l-oħra kollha meta jkun possibbli u rilevanti; jitlob rieżami bir-reqqa tal-inizjattivi tad-difiża rilevanti, bħall-pjan tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet, sabiex jiġu aġġornati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet inklużi fil-Boxxla Strateġika tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża u l-analiżi tal-lakuni żviluppati mill-EDA; jissuġġerixxi li l-EDA tinsab f'pożizzjoni tajba biex tiżgura l-allinjament tal-attivitajiet ta' innovazzjoni fost l-atturi Ewropej fis-settur tad-difiża; jappella, f'dan ir-rigward, biex jissaħħaħ ir-rwol tagħha fl-għoti ta' appoġġ, fil-koordinament tas-suġġerimenti, inkluża l-valutazzjoni strateġika tas-sejbiet, u fl-ippreżentar ta' soluzzjonijiet li jappoġġaw proġetti konġunti ta' R&Ż u ta' akkwist;

8. Jistieden lill-EDA tinkludi l-kunċett tat-teknoloġiji kritiċi fil-proċedura annwali tagħha tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD);

9. Jinnota li hemm ir-riskju ta' dipendenza għall-provvista tal-materjali kritiċi u ta' ktajjen tal-provvista taħt il-pressjoni ta' domandi eċċessivi li jistgħu jaffettwaw l-abilità tal-UE li tibqa' kompetittiva fil-qasam tat-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi ċ-ċirkolarità u tivvaluta kif għandha żżid ir-riċerka dwar il-materjali ġodda għat-teknoloġiji kritiċi fl-att dwar il-materja prima kritika, sabiex titnaqqas kemm jista' jkun id-dipendenza tal-UE minn pajjiżi terzi;

10. Jinnota l-periklu tad-dipendenza żejda mill-materja prima mhux tal-UE u jirrakkomanda li jissaħħu l-isforzi biex dan jiġi evitat;

11. Jilqa' l-ħolqien ta' skema ta' innovazzjoni tad-difiża tal-UE u l-ħidma li għaddejja b'diversi għodod relatati mad-difiża u teknoloġiji ġodda u b'użu doppju sabiex in-negozji ġodda u l-SMEs innovattivi jiġu megħjuna jegħlbu l-ostakli teknoloġiċi, amministrattivi, finanzjarji, regolatorji u għad-dħul fis-suq kbar; jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri, bħala l-utenti finali, jintegraw in-networks tal-innovazzjoni transfruntiera fil-ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija tad-difiża tagħhom; jissottolinja li dawn l-inizjattivi jrid ikollhom l-għan li jtejbu l-kapaċitajiet militari u jistinkaw għal livell għoli ta' indipendenza teknoloġika tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif xieraq is-sensittivitajiet speċifiċi tas-sigurtà u d-difiża meta tkun qed tistabbilixxi inizjattivi fl-ambitu tal-iskema ta' innovazzjoni tad-difiża tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib flimkien maċ-Ċentru ta' Innovazzjoni fid-Difiża tal-UE stabbilit fi ħdan l-EDA;

12. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina d-direttivi tal-UE dwar l-akkwist fir-rigward tal-ostakli għan-negozji ġodda u għan-negozji żgħar, speċjalment fil-qasam tal-innovazzjoni, fejn ir-riskju li proġett ifalli huwa ogħla, u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jevitaw tali ostakli fl-implimentazzjoni tagħhom;

13. Jirrikonoxxi l-ħtieġa kostanti ta' koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab assoċjati u mas-sħab tal-istess fehma, bħall-Istati Uniti u n-NATO; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni u tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) li jesploraw il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-

Istati Uniti fil-kuntest tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni u tal-VP/RGħ li jesploraw interazzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku u ta' benefiċċju bejn l-inizjattivi tal-UE u dawk tan-NATO ffukati fuq it-teknoloġiji ġodda; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa li l-UE tibni awtonomija strateġika miftuħa b'enfasi speċjali fuq l-investiment fit-teknoloġiji Ewropej;

14. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' investiment f'teknoloġiji fixkiela ġodda fl-industriji tad-difiża u tas-sigurtà minkejja l-eżistenza tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża[2] (EDF); jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-linji gwida u r-regolamenti strateġiċi sabiex trawwem l-investiment fl-industrija tad-difiża u tistabbilixxi l-għodod u l-miżuri kooperattivi meħtieġa biex tinkoraġġixxi lill-industriji tad-difiża u tas-sigurtà jinvestu aktar fl-innovazzjoni teknoloġika fit-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża, minbarra li jipproduċu s-sistemi ta' armi eżistenti, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u l-qafas leġiżlattiv tal-UE u b'segwitu tal-iżvilupp ta' dawn;

15. Jenfasizza r-rwol importanti tal-SMEs u tan-negozji ġodda fl-innovazzjoni u l-iżvilupp u jitlob li dawn jiġu inklużi fi programmi u strumenti speċifiċi bħala parti mill-implimentazzjoni futura tal-pjan direzzjonali dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża;

16. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet biex tingħata spinta lill-innovazzjoni fit-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża; jistieden lill-korpi rilevanti tal-UE jagħtu prijorità lill-proġetti konġunti għall-innovazzjoni, ffinanzjata mill-UE u kofinanzjata, f'teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża u jaġixxu bħala katalisti u aċċeleraturi biex jinkoraġġixxu bil-qawwa lill-Istati Membri jikkoordinaw b'mod effettiv il-programmi tagħhom ta' żvilupp tal-kapaċitajiet; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE għall-akkomunament ir-riżorsi nazzjonali għar-R&Ż fid-difiża u s-sigurtà, bl-involviment sod tal-Parlament, fejn xieraq, fl-implimentazzjoni tiegħu;

17. Jenfasizza li l-innovazzjoni u l-iżvilupp iffinanzjati u kofinanzjati mill-UE fit-teknoloġiji kritiċi u fixkiela tad-difiża għandhom iwasslu għal livell ogħla ta' interoperabbiltà u akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża min-naħa tal-Istati Membri ladarba t-teknoloġiji żviluppati jkunu laħqu livell xieraq ta' tħejjija teknoloġika; jenfasizza kemm hu daqstant ieħor importanti li tiġi prevenuta d-duplikazzjoni tal-proġetti fil-livell tal-UE u jissottolinja l-importanza li jitnaqqsu kemm jista' jkun il-koinċidenzi u d-duplikazzjonijiet eżistenti; jitlob li l-livell xieraq ta' tħejjija teknoloġika jiġi definit mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri f'konformità mal-ambjent tas-sigurtà modern u mad-domandi tal-kamp tal-battalja moderni; jenfasizza l-ħtieġa li d-diversi programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE jiġu allinjati aktar mill-qrib sabiex jitrawwem l-iżvilupp tat-teknoloġiji kritiċi fl-Ewropa, filwaqt li titqies il-possibbiltà li jsir użu doppju tat-teknoloġiji eżistenti;

18. Jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex tappoġġja l-akkwist kollaborattiv ta' teknoloġiji tas-sigurtà u tad-difiża min-naħa tal-Istati Membri, bħall-proposta għal regolament li

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092, ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149.

jistabbilixxi t-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea permezz ta' att komuni dwar l-akkwist;

19. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn id-diversi partijiet ikkonċernati bħall-akkademja u s-settur pubbliku u dak privat sabiex jintużaw l-aħjar prattiki fit-teknoloġiji tas-sigurtà u tad-difiża; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-potenzjal tal-użu ta' mudelli "spirali multipli" għall-innovazzjoni;

20. Jinsab imħasseb dwar il-livell insuffiċjenti ta' finanzjament għad-difiża u s-sigurtà mill-fondi tal-UE u jiddeplora r-rata l-aktar baxxa li qatt kien hawn ta' kollaborazzjoni tal-Istati Membri dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża; jiddispjaċih għall-fatt li l-baġit tal-FEŻ tnaqqas b'madwar 40 % meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021–2027, u għall-fatt li l-baġit tal-programm ta' mobbiltà militari tnaqqas b' 75 %; jenfasizza l-fatt li l-QFP attwali mhux se jkun jista' jipprovdi riżorsi finanzjarji biżżejjed biex jagħti spinta lill-kollaborazzjoni tal-UE fil-qasam tad-difiża f'livell xieraq, peress li s-sitwazzjoni attwali tas-sigurtà titlob qabża kwalitattiva; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw l-akkomunament fil-livell tal-UE ta' partijiet konsiderevoli tal-baġits tad-difiża nazzjonali tagħhom li qed jiżdiedu biex b'mod konġunt jirrikostitwixxu l-istokkijiet tal-munizzjon eżawriti u jixtru b'mod konġunt sistemi tal-armi, inklużi dawk l-aktar kumplessi u għaljin, bħall-ġettijiet tal-ġlied, il-bastimenti tal-gwerra u t-tankijiet tal-gwerra ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa aktar skemi ta' finanzjament eżistenti u alternattivi biex iżżid b'mod sinifikanti l-finanzjament għat-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża fl-ambitu tal-QFP attwali, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet reali f'dak li hu investiment industrijali;

21. Jenfasizza li r-regolamentazzjoni tal-UE, li jista' jkollha impatt fuq l-aċċess tal-industriji Ewropej tas-sigurtà u d-difiża għall-finanzjament, trid tkun konsistenti mal-isforzi tal-UE biex tiffaċilita l-aċċess suffiċjenti tal-industrija tad-difiża Ewropea għall-finanzi u l-investiment pubbliċi u privati;

22. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir użu doppju aħjar tat-teknoloġiji ċivili eżistenti u li ssir fertilizzazzjoni reċiproka fost l-innovazzjoni ċivili, militari u b'użu doppju fil-qasam tat-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża u jenfasizza l-potenzjal korrispondenti li tkompli ssir aktar kooperazzjoni fost il-programmi tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' networks aħjar għall-kondiviżjoni tal-għarfien għat-teknoloġiji eżistenti u ġodda ħalli l-utenti finali u l-investituri potenzjali jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mit-teknoloġiji li diġà jinsabu fis-suq jew jinvestu f'teknoloġiji emerġenti b'potenzjal għoli;

23. Jinkoraġġixxi l-innovazzjoni bbażata fuq żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi, l-iżvilupp ta' materjali ġodda, il-promozzjoni ta' materja prima sekondarja u akkwist pubbliku konġunt aktar sostenibbli u l-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ambjentalment sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tesplora, f'kooperazzjoni mal-EDA, it-triq 'il quddiem rigward teknoloġiji sostenibbli tas-sigurtà u d-difiża u kif ir-reżiljenza tal-UE u l-industriji tas-sigurtà u tad-difiża tagħha jistgħu jibbenefikaw f'konformità mal-pjan direzzjonali tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u d-difiża u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2022 dwar l-istess suġġett, b'mod partikolari billi tnaqqas id-dipendenza tal-industriji tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE mill-fjuwils fossili, u billi tivvaluta l-vulnerabbiltà tagħhom għat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa korrispondenti li jadattaw għalih;

24. Jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fid-difiża "ekoloġika" billi jiġi ddedikat sehem akbar ta' R&Ż iffinanzjati mill-UE għall-fjuwils b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju u sistemi ta' propulsjoni għall-vetturi militari, b'mod partikolari għal sistemi tal-armi ewlenin futuri żviluppati fl-ambitu tal-oqfsa rilevanti tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-impronti tal-enerġija, tal-karbonju u dawk ambjentali billi jibdew mill-fażi tad-disinn meta jkunu qed jinvestu l-fondi rilevanti tal-UE; ifakkar li l-azzjonijiet ta' R&Ż fl-ambitu tal-FEŻ jistgħu jtejbu l-effiċjenza, inaqqsu l-impronti tal-karbonju u jiksbu l-aħjar prattiki sostenibbli; jappella għal mekkaniżmu biex jiġu inċentivati r-R&Ż għal teknoloġiji sostenibbli fid-difiża u s-sigurtà; jilqa' l-baġit iddedikat għar-reżiljenza enerġetika u għat-tranżizzjoni ambjentali fl-ewwel programm ta' ħidma annwali, iżda jinnota li dan jirrappreżenta biss 11 % tal-baġit annwali ġenerali tal-FEŻ;

25. Jenfasizza li l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna wriet ripetutament l-effettività tat-teknoloġiji fixkiela li spiss jiġu b'kost relattivament baxx filwaqt li jkollhom impatt qawwi fuq il-kamp tal-battalja kontra sistemi u formazzjonijiet kbar ta' armi; jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju, b'kooperazzjoni mal-Gvern tal-Ukrajna u mas-sħab tan-NATO, dwar it-tagħlimiet identifikati mill-gwerra fl-Ukrajna fir-rigward tat-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ b'moħħ miftuħ meta tkun qed titwettaq il-valutazzjoni teknoloġika u jenfasizza l-ħtieġa serja li jinsiltu l-konklużjonijiet it-tajba mill-akbar gwerra fl-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-Ewropa nbidlet b'mod drammatiku minn meta l-Federazzjoni Russa varat gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022. Il-Federazzjoni Russa għaddejja bi gwerra kontra l-Ukrajna bl-għan strateġiku li ddgħajjef u eventwalment twaqqa' l-arkitettura tas-sigurtà Ewropea.

L-Unjoni Ewropea għandha l-obbligu ċar li tikkonfronta reġim li qed kontinwament jikser id-dritt internazzjonali, filwaqt li joħloq periklu imminenti kontra l-poplu tagħna billi jutilizza firxa ta' għodod u tattiċi differenti sabiex iwettaq l-istrateġiji imperjalisti tiegħu.

L-Unjoni Ewropea għamlet progress kostanti fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża matul l-aħħar għaxar snin. Ir-Rapporteur jemmen li l-UE jeħtiġilha tagħmel użu ħafna aħjar mill-qafas eżistenti tal-istituzzjonijiet u l-fondi, u tesplora modi u mezzi ġodda sabiex tagħti spinta lir-reżiljenza tagħna u tibni l-kapaċitajiet meħtieġa biex tipproteġi lin-nies tagħna.

Il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża huwa bidu tajjeb biex tiżdied il-kompetittività globali tal-UE f'din l-isfera ta' teknoloġija li qed tiżviluppa b'mod rapidu. L-Ewropa għandha l-potenzjal li tlaħħaq mal-kompetituri globali tagħha u saħansitra twitti t-triq jekk nikkoordinaw l-isforz bejn atturi differenti bħall-Akkademja, is-Settur Privat u l-Gvernijiet.

Huwa evidenti li s-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tevolvi qed titfa' pressjoni fuq il-gvernijiet u s-settur tal-industrija tad-difiża minħabba ż-żieda fid-domanda għas-sistemi eżistenti tal-armi. Dan għandu mnejn ikollu effett negattiv fuq il-finanzjament u l-promozzjoni tal-innovazzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

L-UE tista' żżid u taġixxi bħala katalist u koordinatur għall-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża billi ssegwi approċċ strateġiku u kkoordinat fl-UE kollha, tistabbilixxi l-Osservatorju tat-teknoloġiji kritiċi u billi toħloq u tutilizza għodod differenti biex tiffinanzja u tikkoordina l-innovazzjoni relatata mad-difiża u s-sigurtà.

Għandu jiġi enfasizzat li l-aktar pilastru kritiku għall-innovazzjoni huwa d-disponibbiltà ta' skemi ta' finanzjament adegwati, speċjalment fil-qasam tat-teknoloġiji tas-sigurtà u tad-difiża, fejn is-settur privat spiss iżomm lura milli jinvesti minħabba l-limitazzjonijiet, ir-regolamenti u l-proċessi twal ħafna għad-dħul fis-suq.

Ewropa kompetittiva u teknoloġikament avvanzata tista' tipproteġi aħjar il-valuri tagħna u l-popli tagħna. Għalhekk, neħtieġu soluzzjonijiet rapidi biex nippromwovu l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda.

9.3.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża: is-sitwazzjoni attwali u l-isfidi futuri (2022/2079(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Dragoş Tudorache

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispjaċih li s-settur tad-difiża tal-Unjoni Ewropea huwa frammentat b'mod eċċessiv, li joħloq ridondanzi għaljin u jxekkel il-kompetittività u l-interoperabbiltà; jinnota li dan irriżulta f'telf finanzjarju annwali bla bżonn ta' bejn EUR 25 biljun u EUR 100 biljun u wassal għal vulnerabbiltajiet strateġiċi għall-Unjoni, l-Istati Membri u l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (ETDIB);

2. Jappella għal aktar koeżjoni strateġika fil-politiki ta' sigurtà u ta' difiża fil-livell tal-Unjoni; jilqa', f'dan il-kuntest, it-tnedija tal-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) min-naħa tal-Kummissjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu din l-inizjattiva pass ulterjuri billi jiżguraw li l-akkwisti futuri tad-difiża jiffukaw fuq sistemi tal-armi mill-aktar avvanzati u billi jistinkaw favur unjoni tad-difiża ġenwina appoġġata minn ETDIB aktar b'saħħitha u aktar kompetittiva, ibbażata fuq suq komuni artikolat b'mod qawwi għat-tagħmir għad-difiża;

3. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni tagħhom ħalli jrawmu l-iżvilupp ta' teknoloġiji kritiċi u innovazzjoni fl-affarijiet tas-sigurtà u d-difiża; iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri tal-UE li huma wkoll alleati tan-NATO biex jaħdmu ħalli jilħqu l-mira tal-infiq għad-difiża ta' 2 % tal-prodott domestiku gross;

4. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit suq verament Ewropew tat-tagħmir għad-difiża, fost l-oħrajn billi jiġu kkonsolidati l-kapaċitajiet industrijali u jitnaqqsu d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni filwaqt li l-bażi industrijali, b'mod partikolari l-ktajjen tal-provvista u l-forza tax-xogħol tagħha, tiġi adattata għall-ambjent il-ġdid tas-sigurtà fl-Ewropa, li jirrikjedi żieda rapida fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni; jitlob li jittejjeb ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) biex tikkoordina l-isforzi tal-Istati Membri ħalli jistabbilixxu normi tekniċi għall-interoperabbiltà u l-istrumenti

militari, li jgħinu biex jistandardizzaw it-teknoloġija militari u jiggarantixxu l-interoperabbiltà;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-proġetti konġunti ta' akkwist u ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) bħala għodod biex jisfruttaw is-sinerġiji fis-settur tad-difiża tal-UE u jiġġeneraw il-kompetittività u l-vantaġġ teknoloġiku meħtieġa fil-produzzjoni tat-tagħmir għad-difiża u t-tagħmir; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tiżgura l-infurzar sħiħ fl-Istati Membri kollha tad-Direttiva 2009/81/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-akkwist fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà;

6. Ifakkar li fl-2013 il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan direzzjonali għal reġim komprensiv ta' sigurtà tal-provvista fl-UE kollha, li, sfortunatament, qatt ma ġie ppreżentat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta dan il-pjan direzzjonali mingħajr aktar dewmien;

7. Jistieden lill-korpi rilevanti jikkonsolidaw l-oqfsa, l-istrumenti, il-leġiżlazzjoni u l-istandards rilevanti kollha fil-livell tal-UE għall-iżvilupp ta' teknoloġiji, tagħmir u kapaċitajiet militari mill-aktar avvanzati sabiex jiżguraw approċċ ikkoordinat filwaqt li jżommu suq kompetittiv għas-settur tad-difiża tal-UE; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jsir investiment b'mod kollaborattiv fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji emerġenti u fixkiela;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jirrieżaminaw il-programmi u l-għodod ta' politika kollha rigward id-difiża, wara l-approċċ tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) b'enfasi speċifika fuq it-teknoloġiji kritiċi, jivverifikaw jekk għadhomx adatti għall-iskop tagħhom, jiġbru fil-qosor is-sejbiet u jaqsmuhom mal-Istati Membri l-oħra kollha meta jkun possibbli u rilevanti; jitlob rieżami bir-reqqa tal-inizjattivi tad-difiża rilevanti, bħall-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet, bl-għan li jiġu aġġornati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet inklużi fil-Boxxla Strateġika tal-UE u l-Analiżi tal-Lakuni mfassla mill-EDA; iqis li l-EDA tinsab f'pożizzjoni tajba biex tiżgura l-koerenza tal-attivitajiet ta' innovazzjoni fost l-atturi Ewropej fis-settur tad-difiża; jappella, f'dan ir-rigward, għal rwol estiż għall-EDA biex tagħti appoġġ, tikkoordina suġġerimenti, inkluża valutazzjoni strateġika tas-sejbiet, u tippreżenta soluzzjonijiet li jappoġġaw proġetti konġunti ta' R&Ż u ta' akkwist;

9. Jistieden lill-UE taqbel dwar definizzjoni komuni ta' x'inhuma "teknoloġiji kritiċi" u taqbel dwar lista ta' oqsma kritiċi ewlenin, kif ukoll tiddeċiedi dwar oqsma fejn l-azzjoni tal-UE hija prijorità; jistieden lill-EDA tinkludi l-kunċett ta' teknoloġiji kritiċi fl-eżerċizzju annwali tagħha tal-CARD;

10. Jitlob approċċ aktar prammatiku u effiċjenti għar-riċerka militari sabiex jiġu pprovduti inċentivi għall-innovazzjoni fit-teknoloġija militari, inkluż billi jitnaqqsu jew jitneħħew l-ostakli għad-dħul fis-suq tad-difiża, filwaqt li jiġu ppreservati u mtejba l-livelli meħtieġa għall-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà; jappella wkoll għal aktar appoġġ għall-kumpaniji Ewropej f'teknoloġiji emerġenti li jiżgura li jibqgħu kompetittivi fis-swieq internazzjonali billi jitnaqqas il-piż burokratiku u jiġu stimulati l-investimenti pari għall-politiki industrijali mfassla u implimentati minn ekonomiji ewlenin oħrajn;

11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata u tiżdied il-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) f'inizjattivi tad-difiża billi, fost l-oħrajn, jitnaqqsu l-kumplessitajiet tal-proċeduri tal-offerti u jiġu ffaċilitati aktar investimenti kapitali u tkabbir permezz tal-inkubazzjoni; jirrikonoxxi, f'dan il-kuntest, l-importanza li jitnaqqsu l-ostakli teknoloġiċi, finanzjarji, amministrattivi u regolatorji u jappella għal miżuri li jqajmu kuxjenza dwar il-programmi u l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE u jagħtu aktar appoġġ lill-SMEs;

12. Jirrikonoxxi li forza tax-xogħol bi kwalifiki għoljin hija kruċjali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji kritiċi fl-Ewropa; jissottolinja l-ħtieġa li jittieħed approċċ inklużiv u aċċessibbli li jilħaq il-forza tax-xogħol disponibbli kollha bl-għan li jiġi żgurat il-forniment kontinwu u sostenibbli ta' ħiliet u kapital uman; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġi stimulat l-iżvilupp tal-ħiliet għall-innovazzjoni, il-programmi ta' taħriġ appoġġati finanzjarjament mill-UE, ir-R&Ż u r-riċerka fundamentali f'oqsma kritiċi relatati mat-teknoloġiji emerġenti, inkluż fl-oqsma tal-intelliġenza artifiċjali, ix-xjenza tal-materjali, il-produzzjoni tal-enerġija, is-semikondutturi, in-nanoteknoloġija, il-computing kwantistiku u l-avjazzjoni ta' ġenerazzjoni ġdida;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu u jiffinanzjaw ċentri ta' innovazzjoni fil-qasam tad-difiża, jistabbilixxu linji gwida finanzjarji speċifiċi għall-infiq għad-difiża allokat għar-R&Ż u jappoġġaw raggruppamenti emerġenti bbażati fuq proġetti ġodda u kooperazzjoni;

14. Jissottolinja li ħafna teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża qed joriġinaw dejjem aktar fis-settur ċivili u jużaw komponenti b'użu doppju; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji bejn ir-riċerka ċivili u r-riċerka fid-difiża u d-diversi programmi Ewropej tar-R&Ż sabiex jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji kritiċi fl-Ewropa, inaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, isaħħu l-użu ta' prodotti b'użu doppju u jwessgħu l-opportunitajiet ta' finanzjament;

15. Jinnota li l-adozzjoni ta' standards komuni fis-setturi kollha għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għall-iffrankar tal-ispejjeż, għall-innovazzjoni u għal żieda fl-interoperabbiltà; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni taċċelera l-ħidma fuq l-armonizzazzjoni tal-istandards bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju;

16. Jissottolinja li l-importanza dejjem tikber tal-intelliġenza artifiċjali (IA), tal-computing kwantistiku u tat-tagħlim awtomatiku tirrikjedi kooperazzjoni msaħħa fost l-Istati Membri, kif ukoll koordinazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, sabiex tiġi żgurata l-eċċellenza teknika f'dawn l-oqsma; iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, l-iżvilupp konġunt ta' kapaċitajiet interoperabbli tal-IA;

17. Jinsab imħasseb dwar id-dipendenzi multipli tal-UE fuq il-materja prima, b'mod partikolari minn ċerti pajjiżi mhux demokratiċi u rivali strateġiċi bħaċ-Ċina, u jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-vulnerabbiltajiet tagħhom li jirriżultaw mid-dipendenza fuq fornituri mhux demokratiċi ta' teknoloġiji u materjali kritiċi, jevitaw il-ħolqien ta' dipendenzi ġodda li jirriskjaw li jdgħajfu s-sigurtà tal-provvista, u jsaħħu l-ktajjen tal-produzzjoni tad-difiża fl-Ewropa billi jaħdmu fuq il-produzzjoni lokalment jew fil-qrib; ifakkar li kwalunkwe dipendenza fuq teknoloġiji kritiċi tista' twassal għal riskji akbar ta' rikatt fir-rigward tal-politika estera u ta' sigurtà komuni u l-politika ta' sigurtà u ta'

difiża komuni; jissottolinja l-ħtieġa għal aktar effiċjenza fir-riżorsi, il-promozzjoni tar-riċiklaġġ tal-materjali u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi sostenibbli;

18. Jirrikonoxxi li provvista sigura ta' materjali kritiċi, bħal materjali tal-art, komponenti u teknoloġiji rari, hija kruċjali għall-industriji Ewropej tas-sigurtà u d-difiża u għall-kapaċità tal-UE li tissalvagwardja l-interessi tagħha; jissottolinja l-importanza li jkunu diversifikati l-ktajjen tal-provvista bħala mezz biex jitnaqqsu d-dipendenzi fuq pajjiżi mhux tal-UE;

19. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi; jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom u jsaħħu l-kollaborazzjoni fi ħdan il-qafas tal-Osservatorju; jitlob li dan jiġi żviluppat aktar u li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' analiżi tiegħu, inkluż dwar it-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi; jirrikonoxxi li l-Osservatorju jittratta informazzjoni sensittiva ħafna u klassifikata; jitlob, f'dan ir-rigward, li jiġu stabbiliti salvagwardji u tinbena l-fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati bl-għan li jippermettu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-trattament xieraq tad-data; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta proġett biex kontinwament timmappja l-ħtieġa ta' materjali kritiċi, tevalwa d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, timmonitorja l-provvista u d-domanda u l-bidliet fl-imġiba jew l-istrateġija tal-kompetituri, u tinvolvi ruħha f'eżerċizzji ta' prospettiva biex tipprevedi ħtiġijiet ġodda f'materjali kritiċi; iħeġġeġ lill-UE tieħu rwol attiv fil-fora ta' kooperazzjoni internazzjonali sabiex taċċellera d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-produzzjoni; iqis li dawn l-isforzi għandhom isiru b'mod konġunt mas-sħab strateġiċi tagħna, bħal dawk fin-NATO, u jiġu inklużi fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ktajjen tal-Provvista Siguri tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti (TTC) sabiex jiġu kkoordinati sforzi diplomatiċi li jiggarantixxu l-provvisti u jiżguraw sorsi alternattivi; jappella għal miżuri li jimmitigaw ir-riskji għall-kumpaniji li jipproduċu teknoloġiji kritiċi u jiffaċċjaw l-akkwist minn entitajiet stabbiliti f'pajjiżi mhux tal-UE; jesprimi tħassib dwar l-infrastruttura kritika fl-UE li hija proprjetà ta' kompetituri strateġiċi u jfakkar fil-ħtieġa li jiġi skrinjat l-investiment dirett barrani f'kumpaniji Ewropej f'teknoloġiji emerġenti relatati mad-difiża sabiex tiġi evitata d-dipendenza ekonomika u jiġi limitat ir-riskju ta' spjunaġġ u sabotaġġ fuq l-infrastruttura kritika tal-UE koerenti mat-theddid u l-isfidi identifikati fil-Boxxla Strateġika; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi nazzjonali tal-iskrinjar għall-investiment dirett barrani b'implikazzjonijiet potenzjali għas-sigurtà;

20. Ifakkar li r-riskju ta' frammentazzjoni huwa aggravat minn rekwiżiti nazzjonali differenti u minn skemi nazzjonali differenti ta' nfiq pubbliku u ta' investiment u akkwist; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-iffissar ta' standards, li huwa kritiku biex jitnaqqsu r-riskji ta' kwalunkwe dipendenza strateġika kif ukoll biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà fost l-Istati Membri tal-UE u bejn l-UE u s-sħab tagħha tal-istess fehma, bħan-NATO;

21. Ifakkar fl-importanza tal-Fond Ewropew għad-Difiża u tal-programm Orizzont għall-investimenti f'teknoloġiji kritiċi u jitlob reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) sabiex jiżdied il-baġit tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-koerenza u l-komplementarjetà tal-programmi ta' investiment eżistenti tal-UE sabiex tidentifika l-lakuni u tippromwovi s-sinerġiji; jitlob li, meta jitħejja l-QFP li jmiss, titqies din il-valutazzjoni;

22. Jiddispjaċih li l-infiq ikkombinat tal-Istati Membri għar-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża fl-2020 ammonta għal 1,2 % biss tan-nefqa totali tagħhom għad-difiża, ferm inqas mill-punt ta' riferiment ta' 2 % miftiehem fil-qafas tal-EDA;

23. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata u protetta l-infrastruttura kritika Ewropea u li jiġu żgurati biżżejjed monitoraġġ u sorveljanza; jistieden lill-Istati Membri u lill-atturi rilevanti kollha jaħdmu fuq pjan u skema ta' investiment biex jaġġornaw u jsaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, bħal impjanti tal-enerġija nukleari, grilji tal-elettriku, provvista tal-ilma u tal-ikel u infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, infrastrutturi marittimi u taħt l-ilma, kejbils taħt il-baħar, pipelines tal-enerġija u parks eoliċi lil hinn mill-kosta, fost l-oħrajn, għall-era diġitali, inkluż billi jadattawha għas-superviżjoni u l-manutenzjoni tad-droni assistiti mill-IA u f'konformità mad-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi u d-Direttiva Riveduta dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni; sussegwentement jitlob li tiġi elaborata strateġija tal-UE dwar ir-R&Ż u l-manifattura għal drones avvanzati;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissodisfaw l-impenn tagħhom, kif muri b'mod espliċitu fil-Boxxla Strateġika tal-UE, biex isaħħu l-kapaċità tal-UE li tiġbor, tipprovdi u tikkondividi informazzjoni preċiża, jipproteġu l-infrastruttura marittima kritika u jiżviluppaw soluzzjonijiet operazzjonali u teknoloġiċi konġunti, inkluż billi jagħmlu l-aħjar użu mill-qafas ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti;

25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw kapaċitajiet għall-ittestjar, l-evalwazzjoni, il-validazzjoni u l-verifika ta' tagħmir kumpless għad-difiża, inkluż permezz ta' teknoloġija assistita mill-IA, sabiex jidentifikaw vulnerabbiltajiet li jirriżultaw minn komponenti prodotti f'pajjiżi mhux tal-UE; jisħaq, barra minn hekk, li tali sforzi għandhom jitwettqu f'sinerġija mar-reġim ta' ttestjar, evalwazzjoni, validazzjoni u verifika mitlub fl-Istrateġija tal-IA tan-NATO;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Fond Ewropew tal-Investiment minn naħa u l-Aċċelleratur tal-Innovazzjoni tad-Difiża tan-NATO għall-Atlantiku tat-Tramuntana min-naħa l-oħra billi jappoġġaw proġetti konġunti, riċerka konġunta u investiment konġunt f'teknoloġiji tad-difiża mill-aktar avvanzati filwaqt li jirrispettaw id-deċiżjoni li l-organizzazzjonijiet kollha involuti jsiru awtonomi;

27. Jissottolinja l-importanza ta' rabta transatlantika b'saħħitha kif rifless fil-Boxxla Strateġika tal-UE u l-Kunċett Strateġiku tan-NATO, u l-ħtieġa għal aktar kooperazzjoni fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża; jilqa' l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO tad-9 ta' Jannar 2023,

28. Jinnota l-istat li qed jiddeterjora tar-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet u l-kapaċità dejjem tonqos tagħhom li jinfurzaw u jirregolaw il-fluss u t-tixrid ta' teknoloġija kritika; jistieden lill-Istati Membri jattivaw il-potenzjal sħiħ tar-Regolament Ewropew dwar l-Użu Doppju u jinfurzaw il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija kritika;

29. Jilqa' l-inizjattiva li tinħoloq taskforce NATO-UE dwar ir-reżiljenza u l-infrastruttura kritika u l-istabbiliment tat-TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti;

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri juru tmexxija globali fl-iżvilupp ta' standards li jirriflettu u jippromwovu l-interessi u l-valuri tal-Unjoni u għalhekk iħeġġeġ sħubijiet strateġiċi msaħħa ma' sħab tal-istess fehma.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 9.3.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Reinhard Bütikofer, Włodzimierz Cimoszewicz, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Matjaž Nemec, Gheorghe-Vlad Nistor, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Mounir Satouri, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Dragoş Tudorache, Viola von Cramon-Taubadel |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Attila Ara-Kovács, Anna-Michelle Asimakopoulou, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtsos, Sergey Lagodinsky, Javi López, Gabriel Mato, Tom Vandenkendelaere, Mick Wallace, Javier Zarzalejos |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Clare Daly, Francisco Guerreiro, Eero Heinäluoma, Janina Ochojska, Pina Picierno |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 41 | + |
|---|---|
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Anna-Michelle Asimakopoulou, Traian Băsescu, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Gabriel Mato, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Janina Ochojska, Tom Vandenkendelaere, Javier Zarzalejos |
| Renew | Petras Auštrevičius, Georgios Kyrtsos, Dragoş Tudorache |
| S&D | Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Eero Heinäluoma, Dietmar Köster, Javi López, Sven Mikser, Matjaž Nemec, Pina Picierno, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Sergei Stanishev |
| Verts/ALE | François Alfonsi, Reinhard Bütikofer, Francisco Guerreiro, Sergey Lagodinsky, Mounir Satouri, Jordi Solé, Viola von Cramon-Taubadel |

| 2 | - |
|---|---|
| The Left | Clare Daly, Mick Wallace |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.3.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 54<br>–: 4<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Matteo Adinolfi, Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Martin Buschmann, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Beatrice Covassi, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Robert Hajšel, Romana Jerković, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Łukasz Kohut, Andrius Kubilius, Marisa Matias, Dan Nica, Angelika Niebler, Niklas Nienaß, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Markus Pieper, Maria Spyraki, Beata Szydło, Riho Terras, Patrizia Toia, Marie Toussaint, Isabella Tovaglieri, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Alex Agius Saliba, Rasmus Andresen, Tiziana Beghin, Franc Bogovič, Jakop G. Dalunde, Pietro Fiocchi, Klemen Grošelj, Martin Hojsík, Marina Kaljurand, Dace Melbārde, Rob Rooken, Bronis Ropė, Ernő Schaller-Baross, Jordi Solé, Susana Solís Pérez |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pär Holmgren, Sven Simon |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 54 | + |
|---|---|
| ID | Matteo Adinolfi, Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri |
| NI | Tiziana Beghin |
| PPE | François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Bușoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Dace Melbārde, Angelika Niebler, Markus Pieper, Sven Simon, Maria Spyraki, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss |
| Renew | Nicola Beer, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Bart Groothuis, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Susana Solís Pérez |
| S&D | Beatrice Covassi, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Romana Jerković, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Dan Nica, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Pär Holmgren, Niklas Nienaß, Bronis Ropė, Jordi Solé, Marie Toussaint |

| 4 | - |
|---|---|
| ECR | Rob Rooken |
| NI | Martin Buschmann |
| The Left | Marc Botenga, Marisa Matias |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ECR | Pietro Fiocchi, Izabela-Helena Kloc, Johan Nissinen, Beata Szydło |
| ID | Markus Buchheit |
| NI | Ernő Schaller-Baross |
| S&D | Alex Agius Saliba, Josianne Cutajar |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni